# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

1957 ĠUNJU

# It-Tagħlim Grammatikali

*MINN xi snin 'l hawn it-tagħlim tal-grammatika, l-iktar fl-Ingliż, sab daqsxejn ta' xkiel minn dawk li jgħallmuha, u, għalkemm ftit ftit ma sabx min jistmerriha u jitturrufnaha minn fuq il-bankijiet ta' l-iskejjel bħala ħaġa żejda u ta' bla fejda fit-tagħlim ta' lingwa: ħaġa li l-istudent jista' jgħaddi mingħajrha. Dana narawh f'xi skejjel sew elementari kemm sekondarji, fejn it-tagħlim tal-grammatika, bħala suġġett għalih tnaqqas, l-iktar fil-klassijiet għolja, u tħallat ma' fergħa oħra li tħarreġ f'sens prattiku l-istudent fil-bini ta' sentenzi, frażijiet, idjomi, eċċ., fejn ir-reguli grammatikali ma jidħlux, ħlief b'mod indirett — ħaġa li tħawwad moħħ l-istudent u li biha jibqa' dgħajjef fil-kitba grammatikali ta' lingwa billi dan il-metodu mhux imwaqqaf fuq prinċipji rudimentali u gradwati ta' tagħlim grammatikali.*

*It-tagħlim metodiku u rudimentali tar-reguli grammatikali, kif jistqarrulek xi surmastrijiet ta' xi lingwi, l-iktar ta' l-Ingliż, biex ma ngħidx ukoll ta' Taljan u Franċiż, bħala lingwi li wieħed jista' jitgħallimhom bil-widna u bil-qari, u prattikament bil-kitba, hija ħaġa pendatika, u tmur kontra l-arti moderna tal-kitba ta' lingwa; iżda meta wieħed jifli sewwa l-ħtieġa tat-tagħlim grammatikali fil-kitba ta' l-ilsna — sew jekk ilsna barranin kemm mhux barranin — għandna nintebħu li l-metodi ta' ċerta pedagoġija tal-lum hija mibnija fuq prinċipji foloz, iktar u iktar meta dawn il-metodi nsibuhom fit-tagħlim tal-kitba Maltija li hija kollha kemm hi marbuta fuq prinċipji ta' struttura morfoloġika.*

*Qabel xejn huwa tajjeb li wieħed jistqarr illi bniedem jista' jitgħallem lingwa barranija, bħalma tgħallem tiegħu stess, bla għajnuna ta' grammatika, iżda mbagħad, hija ħaġa minn ewl id-dinja illi jrid ikun hemm regula li turih kif għandu jitkellem u jikteb sewwa din il-lingwa. Biex jitgħallem jitkellem lingwa u jiktibha sewwa tidħol il-ħtieġa tal-grammatika, sew għal dik li hi ortografija kemm għal dik li hi morfoloġija u sintassi, jiġi-*

*fieri bini ta' kliem u sentenzi. Jekk dan hu meħtieġ fit-tagħlim tal-lingwi barranin, iktar u iktar meħtieġ għall-istess student Malti biex jikteb bil-Malti skond ma titlob il-grammatika ta' lsienu, jiġifieri skond il-morfoloġija tal-kitba Maltija.*

*"A knowledge of grammar", kien qal wieħed grammatiku Ingliż ta' l-Università ta' Cambridge (1919) "will not indeed make man a good writer, in the sense of furnishing him with a pleasant or striking style, but it will help to make him a correct writer, and many of our masters of English style would have written better if they had paid more attention to grammatical rules".*

*Biex wieħed jista' jifhem sewwa l-ħtieġa ta' tagħlim rudimentali ta' grammatika jeħtieġ li jgħożż il-valur tal-grammatika għal dik li hija arti u xjenza f'lingwa.*

*Xi grammatiċi, jgħidu li l-grammatika hija arti, u oħrajn li hija xjenza. L-Arti hija ġabra ta' reguli ftit u xejn b'xi sengħa prattika biex taddatahom, fil-waqt li x-Xjenza tagħmel mill-prinċipji li fuqhom hija mibnija l-Arti. Issa bniedem jista' jirnexxilu li jkun artist f'ħafna materji mingħajr ma jkun jifhem jew jaf b'dawk il-prinċipji li fuqhom hija mibnija l-arti tiegħu. Fi ftit kliem, ikun jaf b'lingwa (jitħadditha, u għal bżonn jiktibha ħażin ħażin) bla ma jkun jafha sewwa grammatikalment jew skond dawk il-prinċipji li fuqhom hija morfoliġikament u sintattikament mibnija l-lingwa li jaf.*

*Bniedem, għalhekk, jista' jkun jaf idoqq il-pjanu, ipinġi, iqabbel, iħaddem makna, ikun jaf jitkellem bl-Ingliż jew bit-Taljan, għalkemm ma jkun studja qatt il-grammatika taż-żewġ lingwi. Iżda, madankollu, kien ikun pjanista tajjeb bla ma jieħu ebda żball kieku studja l-prinċipji tal-grammatika tad-daqq tal-pjanu u tal-armonija; hekk ukoll kien ikun pittur tajjeb kieku studja l-priċipji tal-prospettiva, poeta tajjeb kieku studja r-reguli tal-prosodija, hekk ukoll jitkellem u jikteb lingwa kif jixraq li kieku studja l-grammatika ta' dik il-lingwa.*

*Issa wara kollox jekk xi ħadd jogħġbu jsostni illi t-tagħlim tal-grammatika huwa ħela ta' żmien il-għaliex wieħed jista' jik-*

*teb l-isbaħ komponiment bla ma jkun ħabbel wisq moħħu fuq ir-reguli tal-grammatika, u fl-istess waqt jiktbu ħażin ħażin għal dik li hi ortografija, aħna mill-banda tagħna nsostnu wkoll bil-qawwa kollha li għal dak li hu Malti t-tagħlim tal-grammatika hija ta' l-akbar ħtieġa u fejda, xejn xejn biex il-kittieb ma jaqax f'dawk l-iżbalji elementari ta' l-ortografija li dlonk naraw mill-pinna ta' xi żgħażagħ u xjuħ.*

*Ma noqogħdux insemmu kemm xi kittieba l-lum mejtin u magħrufin fil-kamp letterarju Malti bħala kittieba tajbin ta' proża u poeżija kienu jkunu iżjed mirqumin fl-ortografija tagħhom li kieku fi żmienhom kien seta' jkollhom f'idejhom xi muftieħ tajjeb fuq l-ortografija Maltija u li setgħu jgħożżuha bħalma forsi jgħożżu l-għażla tal-kelma u tal-frażjoloġija tagħhom fl-istil tagħhom. Aħna naraw il-lum stess fostna, l-iktar fost xi edituri u kontributuri ta' ġurnali, li għalkemm jidhrilhom li l-kitba tagħhom twieġeb għal dak li trodd is-sistema grammatikali tal-Għaqda, jagħiltu fl-ortografija ta' xi kliem ta' reqqa, u l-ħtija ta' dan kollu għaliex moħħhom għadu ma apprezzax biżżejjed it-tagħlim razzjonali ta' xi reguli li donnhom tgħallmuhom b'sens awtomatiku.*

*Issa wara kollox mhux dawn biss huma r-raġunijiet li għalihom jixraq li lingwa tinkiteb grammatikalment, iżda hemm raġunijiet oħra li forsi jista' jgħożżhom biss min joqgħod iqis illi l-kitba grammatikali ta' lsien hija l-libsa formali tal-kitba skolastika, uffiċjali u letterarja ta' pajjiż, — illi lingwa m'għandhiex għalhekk tinkiteb biex tinqeda biha ħażin ħażin sew f'kitba ta' artiklu, kemm f'kitba privata, kuntratt, testment, dikjarazzjoni, rapport tekniku, att legali, u x'naf jien, basta tiftiehem, bħalma kienu jagħmlu bosta mill-kittieba meta ma kienx għad kellna ortografija stabbilita. Il-lum ma nistgħux ingħidu li m'għandniex l-ortografija uffiċċjali jew standard tagħna, bħalma għandhom lingwi oħra. Dawn il-kawtieli ma nistgħux inġibuhom, kawtieli li jbaxxuna quddiem il-letteratura ta' ilsna oħra.*

*Aħna studjajna bosta ħwejjeġ, meta konna l-iskola, iżda qajla stajna ngħidu sewwa x'ihni l-fejda tagħhom qabel ma fhimna x'jistgħu jiswew sewwa fihom infushom. Huwa t-tagħlim sod u sħiħ ta' dawn il-ħwejjeġ li jżejnu l-moħħ u jagħti lill-*

*istudju ta' dik il-ħaġa jew ħwejjeġ l-importanza tagħha fil-kamp letterarju jew xjentifiku li tagħżel lill-istess ħaġa jew ħwejjeġ minn dik ta' kull fejda oħra materjali jew kummerċjali. Aħna nistgħu nistudjaw il-fiżjoloġija, il-ġjografija, il-kimika, il-għaliex hija ħaġa interessanti li wieħed ikun jaf xi ħaġa fuq l-għamla tal-ġisem tagħna, u ta' l-annimali, il-għaliex hija ħaġa sabiħa li tkun taf mhux il-pajjiż biex iżżuru għall-ġmiel tiegħu jew biex tgħix fih għall-qligħ tal-għajxien, iżda biex tkun taf l-istorja, il-klima u l-industriji u l-antikitajiet tiegħu; tistudja l-kimika il-għaliex hija materja ta' studju interessanti għal dik li hija kompożizzjoni ta' l-elementi tan-natura, u mhux biss biex issir spiżjar jew aġent ta' oġġetti kimiċi. Aħna m'għandniex inħossu li ħlejna ż-żmien tagħna meta għalhekk inkunu studjajna l-fiżjoloġija, il-ġjografija u l-kimika għal skopijiet xjentifiki u ta' erudizzjoni.*

*Il-bniedem li ma jkun jaf xejn ħlief dak li hu ta' bżonn jew użu għalih iktarx huwa bniedem ta' moħħ xieref li jgħix il-ħajja materjali bla ebda ideal.*

*Tistudja l-Malti, għal dak biss li jista' jiswielek huwa prinċipju falz li bih qatt ma tista' tapprezza l-importanza tiegħu fil-kamp letterarju u xjentifiku. U sabiex il-Malti tkun tista' tgħid li studjajtu sewwa huwa ta' ħtieġa elementari li tistudjah l-ewwelnett grammatikalment għax kull xejra, li jista' jkollok ta' stil sabiħ fil-kitba Maltija, xejn ma tkun tista' tiswielek biex tkun tista' tgħid li fhimt il-valur akkademiku tal-Lsien Malti. It-Tagħlim tal-Grammatika jagħtik għalhekk il-Muftieħ ta' l-istudju serju u xjentifiku ta' Lsienek.*

A Cremona